MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 934/1999/1

**Charles Aquilina ghan-nom**
**u in rapprezentanza tas-socjeta'**
**London Services Limited**

**Vs**

**Walter Attard**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat, prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-Ligi, ihallas lis-socjeta attrici London Services Limited is-somma ta' tlett mija u sittin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm360.43) jew somma ohra verjuri, ammont rapprezentanti d-danni sofferti bhala risultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-20 ta' Settembru 1997 ghall-habta tal-10.30a.m. gewwa Naxxar Road, San Gwann,

bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAK-311 misjuqa mill-assikurat tal-attur u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni JAH-814, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut (Dok A).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 1998, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittri ufficjali u cioe mit-22 ta' Mejju 1998, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 23 ibid) u li biha eccepixxa illi l-istess eccipjenti ma kellu ebda tort jew htija fl-incident awtomobilistiku imsemmi fl-avviz li gara unikament b'tort u htija ta' Pierre Henry Ray, is-sewwieq tal-vettura Numru JAK 311 tal-attur nomine, minhabba imprudenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffku da parti ta' dan l-istess sewwieq Pierre Henry Ray, u ghalhekk l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-imsemmi incident u ghad-danni pretisi mill-attur nomine u d-domandi tal-attur nomine ghandhom kwindi jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi prodotti mill-attur nomine u mill-konvenut jidher li:-

a) L-attur nomine ipproduca biss provi <u>sekondarji</u> in vista tal-fatt illi "s-sewwieq tal-karozza tal-kiri numru JAK 311 ma giex prodott sabiex jixhed "viva voce" quddiem din il-Qorti. Difatti din il-karozza kienet misjuqa minn certu Pierre Henry Ray ta' nazzjonalita Franciza" residenti, f'Malta f'Lukanda bhala turist (ara r-<u>rapport</u> tal-Pulizija a

fol 34, 35 u 36 tal-atti). Ghalhekk il-Qorti applikat dak li hu stipulat fl-artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kif xehed PS 1492 Joseph Pace (fol 32 et seq ibid) hu ma setax jaghmel skizz vis-à-vis dan l-incident peress li, meta mar fuq il-post, il-vettura misjuqa mill-istess turist kienet parkeggjata madwar 200 metru il-boghod minn fejn gara l-incident cjoe Triq in-Naxxar bhala triq principali, kantuniera ma triq laterali ossija Triq San Mikiel. In rigward ir-rapport esebit mill-istess pulizija jigi notat li fih hemm mnizzlin il-versonjiet tal-fatti moghtija lilu mis-sewwieqa involuti. Difatti, is-sewwieq Franciz, kien sqarr li "… kien tiela' minn Naxxar Road, vettura JAH 814 baqghet hierga minn "side street" u laqtu fuq in-naha tax-xellug …." In rigward il-konvenut li kien qed jsuq karozza bin-numru JAH 814, dan kien stqarr li "… waqt li kien wieqaf f'Triq San Mikiel biex johrog ghal Triq Naxxar, vettura JAK 311 laqtitu fuq il-bumper…." (ara ukoll il-"claim form" sottomessa mill-istess franciz a fol 41 ibid).

c) Il-konvenut meta xehed (a fol 46 u 47 ibid) spjega li hu kien ilu wieqaf sabiex jghaddi t-traffiku fuq l-imsemmija triq principali, ghal madwar tlett minuti. F'daqqa wahda mix-xellug tieghu ra "truck kbir gej" waqt li fuq il-lemin tieghu, fejn ma kienx hemm karozzi parkeggati, kienet gejja l-karozza misjuqa mill-imsemmi franciz. Hawnhekk, minhabba li l-bankina mhijiex dritta, il-karozza l-ohra "ghamlet "swerve". Hu spjega din il-manuvra billi jahseb "li grat minhabba dak it-truck li kien gej mid-direzzjoni opposta" u bhala konsegwenza "il-karozza l-ohra …. dahlet go Triq San Mikiel u habtet (sbirxx) go fija".

Ikkunsidrat

Illi sintetizzati l-provi, jidher evidenti li l-konvenut ma kienx semma' lill-Pulizija, imsemmi, li l-karozza misjuqa mill-Franciz, ghamlet il-manuvra kif deskritta fix-xhieda tieghu u dan jitfa' dell ikrah fuq il-kredibilita tax-xhieda tal-istess konvenut. Konsegwentement il-Qorti tara li, fuq basi ta' probabilta', il-konvenut hareg jew sporga l-barra mit-triq sekondarja msemmija minghajr ma uza d-debita kawtela u

minghajr ma esplora sew jekk kienx ghaddej traffiku fuq il-lemin tieghu. Ghalhekk, ir-responsabilta' legali ghal dan l-incident trid tigi akkollata lill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward danni konsegwentement, dawn huma sufficjentement provati permezz ta' dokumenti annessi mal-atti (minn fol 5 sa fol 7 ibid, minn fol 10 sal fol 11 ibid, fol 14, fol 37 sa fol 42 ibid).

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' Lm360.43,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm360.43,0 bl-imghax legali mit-22 ta' Mejju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 1998.

--------------------------------TMIEM--------------------------------